MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2005

Numru 472/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Neil Harrison**
v

**SIMON BARTOLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SIMON BARTOLO** ta' tlieta w tletin sena bin Joseph u Emanuela nee Lautier, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Jannar 1969 u joqghod 3, Sqaq il-Kuncizzjoni, Cospicua, detentur tal-karta tal-identita numru 39869M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dan il-Gzejjer fis-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 1999, u matul l-ahhar erbgha snin qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

a. Biegh jew xort'ohra ttrafika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza;
b. Talli biegh jew xort'ohra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha;
c. Talli biegh jew offra li jbiegh droga ristretta u psikotropika [ecstasy u LSD] li hija kontrollata u ristretta bil-ligi taht t-tielet skeda parti [a] tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;
d. Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu;
e. Talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika [ecstasy] meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120 A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu;
g. Talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika [LSD] meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120 A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;
h. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern

skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

i. Talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) [awla numru 2] fis-sittax ta' Settembru 1996.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi tordna lil imptuat sabiex jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Awtorita` tal-Avukat Generali datat tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2002 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 6 tal-atti processwali u l-Fiat tal-istess Avukat Generali esibit a fol 7 tal-atti processwali, ai termini tal-artikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha [Kap 31] sabiex l-imputat iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksru tal-provvedimenti naxxenti minn kapitoli 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman esibit a fol 16 et seq tal-atti odjerni u l-kontrordine mibghut milll-Avukat Generali fit-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru, 2003 a fol 144 tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-udjenza tas-sbatax ta' Frar, 2003.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u l-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Novembru, 2004.

Ikkunsidrat:

Id-difiza ibbazat id-difiza taghha fuq il-klemenza li ghandha turi l-Qorti mal-imputat ghaliex huwa fil-fatt kien "drug abuser" u li effettivament kien jitraffika fid-droga sabiex jissustanzja l-vizzju mishut tieghu.

Illi din il-Qorti tirrileva li hija dejjem ghamlet minn kollox sabiex tghin lil kull min deher quddiemha b'din il-problema tad-droga jekk verament wera din ir-rieda tajba.  F'dan il-kaz, il-Qorti hija konvinta li l-imputat verament kellu din ir-rieda tajba ghaliex fil-fatt beda u spicca b'success il-programm ta' riabilitazzjoni li huwa kien beda u ghalhekk il-Qorti sejra taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jghin lill-imputat jindirizza din il-problema li huwa kellu.

Dwar il-piena, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

1. L-ammissjoni tal-imputat ghalkemm registrata fi stadju avanzat ta' dawn il-proceduri.
2. Il-fedina penali tal-imputat kif esebita fl-atti a fol 8 et seq minn fejn jirrizulta illi l-imputat ghandu registrat fuqhha reat wiehed biss kommess fis-sena 1996 dwar pusess ta' droga eroina meta inghata "unconditional discharge".

3. Ix-xhieda li ta' Karm Borg, rappresentant tal-Caritas nhar id-disgha u ghoxrin ta' Novembru, 2004 u cioe` illi l-imputat ikkolabora bis-shih mal-programm ta' disintossifikazzjoni li huwa ghamel u cioe` li huwa beda u temm kors b'success tant illi iggradwa u fil-fatt baqa jattendi minn jeddu ghall-sessjonijiet ta' support sal-llum il-gurnata stess.
4. Ix-xhieda li ta s-Supretendent Neil Harrison nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru, 2004 fis-sens illi l-imputat assista lill-Pulizija Esekuttiva sabiex inqabdet kwantita` sostanzjali ta' droga u llum il-gurnata ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' terzi fuq din l-ghajnuna mghotija mill-imputat lill-Pulizija Esekuttiva u li ghalhekk fil-fehema tal-Prosekuzzjoni l-imputat ghandu jinghata riduzzjoni ta' zewg gradi fil-piena, kif dispost fl-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(a)(d) tal-Kap 101, l-artikoli 40 A u 120 A tal-Kap 31, l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat SIMON BARTOLO hati tal-akkuzi kollha kif mghotija fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' tmintax il-xahar u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan tordna lill-istess imputat jhallas multa ta' sebgha mitt lira Maltin (Lm700).**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda takkorda fakulta` lill-imputat li jhallas il-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm 25) b'dan li l-ewwel pagament isir sa mhux aktar tard mill-wiehed u tletin ta' Jannar 2005.**

**Il-Qorti tinnomina lil analista Godwin Sammut sabiex jirtira u jiddistruggi d-droga esibita f'dawn l-atti nhar is-sbatax ta' Frar, 2003 kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-ispizjar Mario Mifsud immarkata bhala dokument MNL u tordna konfiska tal-flus esebiti f'dawn il-proceduri fil-hamsa w ghoxrin ta' Gunju, 2002 mis-Supretendent**

**Neil Harrison fl-ammont ta' Lm 337 u dan a favur il-Gvern ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna ukoll lill-imputat jhallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-ispizjar Mario Mifsud fi zmien xahrejn minn meta jigi hekk interpellat mir-Registratur tal-Qorti.**

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti dik l-ghajnuna kollha mehtiega lill-imputat sabiex izomm il-boghod mill-vizzju li huwa kellu tad-droga u jaghtih kull ghajnuna necessarja ghal dan il-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------